Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 459/2015

Il-Pulizja

Spettur Sylvana Briffa

Vs

Vincent – Martin Carabott

Illum 27 ta' Ottubru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Vincent – Martin Carabott, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 174657M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli nhar it-8 ta' Jannar 2015, gewwa l-bini tal-Qrati ta' Malta, fil-Belt Valletta, u f'dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded lill-Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D waqt li tkun taghmel jew minhabba li tkun ghamlet id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezzaghha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha.

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro LL.D u l-familja taghha ai termini tal-art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-14 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnha, wara li rat l-artikolu 93(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal tnax-il (12) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) millum u kkundannatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200). Fl-eventwalita' li l-multa imposta ma tithallasx kollha jew parti minnha l-ammont jigi konvertit fi prigunerija.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-Imhallef Lofaro u l-familja taghha rabtet lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' l-istess Imhallef Lofaro u l-familja taghha taht penali ta' elf u hames mitt euro (€1,500) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Vincent-Martin Carabott, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata u tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni filwaqt illi thasar u tirrevoka s-sentenza fejn sabithu hatja u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Vincent-Martin Carabott huma s-segwenti w cioe':-

1. L-ewwel aggravju

   L-esponenti kien qiegħed jixhed f'kawza ta' zgumbrament u għalhekk kien koncernat u inkwetat ferm u għalkemm veru li għamel kummenti zejda u li bihom naqqsa mir-rispett lejn l-Onorabbli Qorti kif ukoll lejn l-Onorabbli Imħallef, fl-ebda ħin ma kellu kummenti diretti sabiex jagħmel ingurja jew theddid għax fil-fatt kien qiegħed jitkellem b'mod generiku bħala persuna li kien ser jispicca homeless meta qal illi kien ser jispicca wara l-bieb tal-Qorti jew wara l-bieb tagħha. Li kieku kellu intenzjoni li jhedded lill-Onor. Imħallef ma kienx igib ezempju illi jew jispicca wara l-bieb tal-Qorti jew wara l-bieb tal-Onor. Imħallef. Bl-istess mod meta beda jixhed dwar jekk l-imħallef kinitx ser icahdu mid-dar tiegħu bl-ebda mod ma kien qiegħedj jedidha għalkemm beda skond l-imħallef iħares lejha with a cold and angry stare. L-esponeti gieli kellu agir simili fil-passat sforz is-sitwazzjoni li sab ruħu fihau l-onor Imħallef qatt ma ħassitha mhedda u fil-fatt kienet għal-ewwel ser taħlliha tgħaddi mal-oħrajn billi ienet taf illi għalkemm kellu attitudni xejn xierqa quddiem l-Onor Qorti, r-rejazzjoni kieent wieħed ta' rabja u biza' li kien ser jispica jitkecca minn gewwa daru. L-esponenti ried jagħmel minn kollox biex l-imħallef tifhem li fic-cikrostanzi ma kellux għalfejn jitkecca minn go daru. Sabiex jigi provat dan ir-reat hemm bzonn illi jigi pprovat illi l-intenzjoni tal-esponenti kienet propju sabiex jbezza' jingurja, jew jhedded lill-Onor. Imħallef. Fil-fatt ir-rapport sar jumejn wara li sar l-allegat reat, jigifieri waqt is-seduta quddiem l-Imħallef Lofaro l-esponenti ma giex imwissi mill-Onor. Imħallerf li kien qiegħed jikkomporta ruħu b'mod ħazin jew li kien ser jinsab ħati ta' disprezz

aghax fil-fatt li kieku l-Onor. Imhallef hassitha mhedda jew ingurjata f'dak il-hin zgur li kienet tiehu azzjoni mmedjata billi timmultah ta' disprezz u tibghat ghal-pulizja u mhux jumejn wara. Il-fatt illi l-kummenti f'dak il-hin ma gewx interpretati mill-Onor. Imhallef bhala kummenti ingurjuzi turi b'mod car illi l-kliem li kien qieghed jinghad ma kienux intqalu sabiex b'xi mod jingurja lil-Onor. Imhallef pero' kien propju sabiex l-esponenti jipprotesta u jfiehem il-fatti quddiem l-Onor. Imhallef ghaliex jkunu intqalu animus reclamandi. Kien qieghed jipprova jwassal il-messagg illi meta xi nies jigdbu bil-gurament quddiem il-Qorti, huma xi kultant jigu emnuti u jghaddi z-zmien u jqerru, izda hawn l-esponent beda jipprova jwassal il-messag illi x-xhieda ta' ceru nies ma ghandiex tigi emmnuta ghax mhux kulhadd jixhed il-verita' infatti qal li tista' ssir montatura biex tizvija l-Qorit, ghalhekk il-kummenti tal-esponenti huma diretti lejn il-persuni li jixhud falz bil-gurament u jikkonvincu l-Qorti b'mod qarrieq mhux lejn il-gudikant illi jrid jiddeciedi skond il-fatti quddiemu. Tant ma kienx konxju li l-kummenti tieghu seta' b'xi mod gew interpretati b'mod ingurjuz illi s-seduta spiccat bil-kwiet fejn l-avukati ftehmu ghad-data tad-differiment. Ghalhekk l-element tal-animu ingurjandi bhala wahd mill-elementi rikjesta mill-ligi ma kinitx prezenti fil-mument li l-esponent ghamle dawn il-kummenti tant li l-persuna lejn min kienu diretta dawn il-kummenti ma hassitiex mhedda jew ingurjata f'dak il-hin ghax fil-fatt ir-rapport ma sarx immedjatament izda wara jumejn. In oltre l-esponenti ma kellux il-mens rea sabiex jingurja jew jhedded.

2. It-tieni aggravju

L-esponenti ma kellu ebda intenzjoni li jingurja jew jhedded lil-Magistyrat u ghalhekk ma kienx hemm il-mens rea necessarja sabiex l-esponenti jinstab hati ta' din l-akkuza. L-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali izid illi bil-hsieb illi jbezzgha inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fid-dmirijiet tal-karigi tieghu, ghalhekk hemm bzonn li jigi ezaminat jekk l-esponenti kellux il-mens rea illi jbezzgha jew li jinfluwixxi lill-Onor. Imhallef. L-esponenti fil-fatt fl-ebda hin ma wera li kellu din il-hsieb u intenzjoni ghal fil-fatt l-intenzjoni tieghu kienet li jikkonvinci lill-Imhallef illi l-fatti ma kienux kif kienu qeghdin jigu

pprezentati mill-mara tieghu. Il-fatt illi kien qieghed jindika, waqt ix-xhieda tieghu lill-Onor. Imhallef illi jekk kien ser jisipcca wara l-bieb tal-Qorti jew tal-Imhallef ma kienitx tfisser illi kien qieghed jbezzaha jew jinfuwixxi bi skop illi jgeghla sforz il-biza taghti decizjoni favur tieghu u ma tizgumbrahx, dan id-diskors huwa aktar verosimili ta' xxi hadd li kien qieghed jipprova juri l-imhallef x'setghu kienu l-konsegwenzi tal-izgumbrament sabiex jikkonvinciah li fis-sitwazzjoni teighu ma kienx jimmerita li jigi zgumbra. Il-komportament tal-esponenti ma kinitx wahda ta' ingurja jew ta' theddid u b'hekk ma gie ippruvat bl-ebda mod illi l-imputat kellu l-hsieb li jikkommetti r-reat. Il-mens rea huwa totalment nieqes.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanzi sottoposti ghal gudizzju ta' din il-Qorti mill-appellanti huma essenjzalment marbuta mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi u dan meta huwa jilmenta illi l-kummenti maghmula minnu matul seduta fil-Qorti tal-Familja ippresjeduta mill-Imhallef Abigail Lofaro u cioe' il-kwerelanti qatt ma kenu intizi sabiex jingurjaw jew iheddu lill-gudikant izda kienu qed jigu maghmula *animo reclamandi* billi huwa kien qieghed jipprotesta ghas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha fejn kien qed jipprova isemma lehnu quddiem il-Qorti li kienet qed tisma l-kawza tieghu tas-separazzjoni minn martu. Dan ghaliex il-Qorti kienet qed tisma' rikors maghmul minn martu sabiex huwa jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali u allura kellu l-biza' rejali illi din it-talba setghet tintlaqa' biex b'hekk huwa jisfa minnghajr saqaf fuq rasu. Mankanti ghalhekk l-element formali ghall-kummissjoni tar-reat addebitat lilu, jilmenta illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn terga' itteni illi d-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni minnha maghmula ta'l-atti probatorji ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta'

revizjoni. Issa l-ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata ghamel esposizzjoni fil-fond ta'l-aspetti legali li isawwru ir-reat addebitat lill-appellanti tant illi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha f'dan l-aspett. Illi t-theddida jew l-ingurja diretta lejn il-gudikant ma hemmx ghalfejn tkun wahda diretta. Kif ighallimna l-Professur Mamo:

*'Any insult or threat is sufficient to constitute this first ingredient of this crime. These may consist in words spoken or written, gestures, drawings or other means calculated to destroy or lessen the reputation of the person against whom they are addressed or uttered or used or to hurt the feelings of give offence to such person. The insult may be specific or may consist in vague expressions or indeterminate reproaches or words or acts merely indecent or offensive.'*

L-Antolisei fil-Manuale di Diritto Penali jgħid hekk fuq l-inġurja:

*'Il secondo requisito e' costituito da un 'offesa all'altrui reputazione'. La reputazione non e' altro che il riflesso oggettivo dell'onore inteso in senso ampio, e cioe' la valutazione che il pubblico fa del pregio dall'individuo e, quindi, la stima che questi gode fra i consociati. Salvo tale particolarita', che concerne il punto di vista del giudizio, la base della reputazione e' la stessa di quell'onore e decoro di cui il codice parla a proposito dell'ingiuria e, percio' comprende tutte le qualita' (morali, intellettuali, fisiche, ecc) che concorrono a determinare il valore sociale della persona. Cosi' e' diffamatorio affermare che un impiegato si lascia corrompere; che un professionista non conosce il suo mestiere; ecc."*

L-istess awtur jikkommenta wkoll dwar l-element ta' l-intenzjoni. Huwa jikteb:

*'Una notevole corrente dottrinaria considera necessario il c.d. 'animus iniurandi' vale a dire, l'intenzione di offendere la persona, di ledere il suo sentimento dell'onore. Questa opinione si riallaccia alla teoria enunciate in generale per I delitti contro l'onore (e, quindi anche per la diffamazione) specialmente dal Florian, il quale con molto fervore ha propugnato la tesi che carttristica essenziale dei delitti medesimi sia l'antisocialita' del movente dell'azione. In tale direttiva si e' sostenuto che il dolo e' escluso dall'animus corrigendi, consulendi, narrandi, defendendi, iocandi, ecc.'*

Afferati dawn il-principji u maghmula taghha dawk affermati fid-decizjoni impunjata, johrog bil-wisq evidenti illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament minn maghmul tal-atti probatorji kien wiehed legalment u fattwalment validu li din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba. Dan ghaliex ma hemmx dubbju illi l-appellanti fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Familja kien qieghed jimmina bis-shih ir-reputazzjoni tal-kwerlanti meta beda jimplika fl-aktar termini cari u inekwivoci illi l-gudikant kienet qed tigi influwenzata fid-decizjoni taghha, li ma kenitx imparzjali u indipendenti mix-xkiel tal-emozzjonijiet u kompromessi li iwasslu sabiex parti tigi favorita a detriment ta'l-ohra. Sentimenti illi gudikant ghandu jistmerr u jistkerrah, li ghandu joqghod 'il boghod minnhom. Jimplika allura l-appellanti illi l-kwerelanti kienet nieqsa mill-kwalitajiet li necessarjament u legalment ghandhom isawwru lill-gudikatur u li huwa/hija j/tintrabat bihom fil-gurament tal-hatra tieghu/taghha. Dana allura ma hu xejn ghajr ingurja gravi diretta kontra l-persuna ta' imhallef intiza biss biex ixxeklu/ixxekilha fil-qadi ta' dmirijietu/ha. Mhux biss izda wara li l-appellanti jaghmel dawn id-dikjarazzjoni ingurjuzi, huwa imbaghad ighaddi sabiex jaghmel theddida sottili fejn allura jipprova jinfluwenzaha fid-decizjoni li kellha tiehu dwar it-talba ghall-izgumbrament mid-dar matrimonjali. Ihedded allura li jekk id-decizjoni tkun sfavorevoli ghalih huwa kien ser imur jaghtiha fastidju billi jalloggja barra ir-residenza taghha. L-intenzjoni ta'l-appellanti allura kienet wahda u cioe' dik ta'l-intimidazzjoni tal-gudikant biex b'hekk hija tigi influwenzata fid-decizjoni taghha, u dan sabiex din tkun wahda favorevoli ghalih. Din l-imgieba certament hija wahda mhux biss censurabbli izda ukoll kriminuza fit-termini ta'l-artikolu 93 tal-Kodici Kriminali billi l-att inkriminatorju sehh filwaqt tal-qadi ta' dmirijiet il-gudikant bil-hsieb li ibezza' jew jinfluwixxi fuqha kontra il-ligi fil-qadi tad-dmirijiet marbuta mal-kariga taghha. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti taghmel taghha il-fehmiet ta'l-Ewwel Qorti li abbilment ghamlet apprezzament *funditus* tal-provi li kellha quddiemha fejn anke kellha l-opportunita li tezamina l-komportament tal-appellanti matul il-process penali istwit kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-aggravvji ta'l-appellanti qed jigu michuda u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur